

Brussell, 29 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14454/24
PV CONS 49
ENV 995
CLIMA 354

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)
14 ta' Ottubru 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 14216/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

- a) **Lista leġislattiva** (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 14400/24

Ambjent

1. **Deċiżjoni li temenda d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tar-rappurtar għal infrastrutturi għall-informazzjoni ġeografika**  14029/24
Adozzjoni tal-att leġislattiv PE-CONS 84/24
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-9.10.2024 ENV

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

2. **Direttiva dwar il-kwalità tal-arja (riformulazzjoni)**  14028/1/24 REV 1
Adozzjoni tal-att leġislattiv + ADD 1 REV 1
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-9.10.2024 PE-CONS 88/24
ENV

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'Malta tastjeni (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Impjiegi u Politika Soċjali

3. **Direttiva li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità**  13954/24
Adozzjoni tal-att leġislattiv PE-CONS 49/24
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-9.10.2024 SOC

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikoli 21(2), 53(1), 62 u 91 TFUE).

4. **Direttiva li testendi d-Direttiva li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għal ċittadini ta' pajjiżi terzi**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-9.10.2024



13956/24
PE-CONS 70/24
SOC

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 79(2), il-punt (b) TFUE).

5. **Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-9.10.2024



13952/24 + ADD 1
PE-CONS 89/24
SOC

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Ġermanja tastjeni (bażi legali: l-Artikolu 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2) TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Suq Intern u Industrija

6. **Revizzjoni tar-Regolament dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (CLP)**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-9.10.2024



13335/24 + ADD 1
PE-CONS 108/23
ENT

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114(1) TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

b) Lista mhux leġiżlattiva

14399/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Konklużjonijiet dwar it-tħejjijiet għad-29 Konferenza tal-Partijiet (COP 29) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (Baku, Azerbajġan, 11 - 22 ta' Novembru 2024)
Approvazzjoni 14218/24
4. Konklużjonijiet dwar il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) (Cali, il-Kolombja, 21 ta' Ottubru - 1 ta' Novembru 2024): 14357/24 + COR 1 + ADD 1
 - a) Tħejjija għall-COP 16 tal-KBD
 - b) Tħejjija tal-COP-MOP 11 li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà
 - c) Tħejjija tal-COP-MOP 5 li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim ta' Benefiċċji*Approvazzjoni*
5. Tħejjija għall-ħames sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negożjar biex jiġi żviluppat Strument Internazzjonali Legalment Vinkolanti dwar it-Tniġġis mill-Plastik, inkluż fl-ambjent tal-baħar (INC-5) (Busan, Repubblika tal-Korea, 25 ta' Novembru - 1 ta' Diċembru 2024)
Skambju ta' fehmiet 13999/24
6. **Strategija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Is-sitwazzjoni attwali u t-triq 'il quddiem**  13949/24
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet abbażi tan-nota mħejjija mill-Presidenza, kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

Affarijiet oħra

7. Rapport dwar laqgħa internazzjonali ewlenija reċenti:

**id-69 laqgħa tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa
għall-Balieni (IWC69) (Lima, il-Perù, 23 - 27 ta' Settembru
2024)**

14379/24

Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni.

-
- 1** L-ewwel qari
 - C** Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
 - 2** Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-PUNTI LEĠIŻLATTIVI "A" LI JINSABU FID-

DOKUMENT 14400/24

Rigward il-punt
"A" nru 2:

Direttiva dwar il-kwalità tal-arja (riformulazzjoni)
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Minkejja titjib f'dawn l-aħħar snin, it-tniġġiż tal-arja jibqa' joħloq wieħed mill-akbar riskji ambjentali għas-saħħa tal-bniedem, bil-piż tas-saħħa fuq il-popolazzjoni, speċjalment fuq il-gruppi vulnerabbli jibqa' għoli.

Għal din ir-raġuni, il-Ġermanja tilqa' l-fatt li kien possibbli li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu ambizzjużi iżda fattibbli biex progressivament jintlaħaq l-allinjament mal-Linji gwida tad-WHO kif ukoll l-oġettivi ta' tniġġis żero u ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi fl-UE sal-2050.

Il-Ġermanja tilqa' l-fatt li ntlaħaq kompromess bilanċjat u li ttieħed kont tat-tħassib ewlieni tal-Ġermanja, u l-Ġermanja taqbel mad-Direttiva.

Billi l-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet f'diversi setturi hija rregolata fil-livell tal-UE, din tibqa' meħtieġa, f'dan il-kuntest ukoll, għal regoli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa tal-arja li għandhom jiġu adottati fi stadju bikri, sabiex valuri ta' limitu futuri jkunu jistgħu jiġu rispettati lokalment permezz ta' miżuri b'limitu baxx.

Il-Ġermanja tilqa' wkoll il-possibbiltà għall-Istati Membri li jitolbu posponiment tad-data ta' skadenza biex jinkisbu l-valuri ta' limitu, għal raġunijiet speċifiċi, sa fejn dan hu, b'mod partikolari evidenti minn projezzjonijiet li l-valuri ta' limitu ma jistgħux jinkisbu sad-data ta' skadenza.

Għalhekk, il-Ġermanja titlob lill-Kummissjoni tippreżenta, fi żmien xieraq, abbozz tal-att ta' implimentazzjoni previst fl-Artikolu 18(5) biex tistabbilixxi dettalji speċifiċi tal-projezzjonijiet, b'kont meħud ta' miżuri raġonevoli u proporzjonati. F'dan ir-rigward, huwa l-fehim tal-Ġermanja, li pereżempju, projbizzjonijiet ta' sewqan, dekkummissjonar jew limitazzjonijiet fuq l-operat ta' installazzjonijiet industrijali m'għandhomx jitqiesu bħala miżuri raġonevoli u proporzjonati, lanqas ma jistgħu jintalbu bħala kundizzjonijiet għall-posponiment ta' data ta' skadenza, u għalhekk titlob kjarifika xierqa fl-att ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, huwa preżunt li l-miżuri effettivi msemmija fl-Artikolu 18(1)(b) għandhom jinfteħmu wkoll li jfissru miżuri xierqa u proporzjonati fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18(5), u b'hekk li miżuri xierqa u proporzjonati biss għandhom jitqiesu fl-istabbiliment ta' pjanijiet direzzjonali dwar il-kwalità tal-arja."

DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA

"Il-Latvja tappoġġa t-test ta' kompromess finali tal-proposta għal Direttiva dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa.

Madankollu għad hemm kwistjonijiet pendenti ta' tħassib. Għalhekk, nixtiequ nenfasizzaw it-tħassib tagħna dwar l-iskadenzi stabbiliti għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda ta' monitoraġġ, kif ukoll l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' kumpens għall-ħsara għas-saħħa tal-bniedem u regoli dwar il-penali.

L-Istati Membri ser ikollhom b'zonn żmien biżżejjed u investimenti addizzjonali biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda rigward l-istabbiliment ta' supersiti ta' monitoraġġ u kejl ta' sustanzi niġġiesa ġodda. L-istabbiliment ta' proċeduri ta' akkwist xierqa, it-taħriġ tal-impjegati, il-kisba ta' tagħmir ġdid, u l-adattament tal-leġiżlazzjoni eżistenti jiswew ħafna flus u jieħdu ħafna ħin.

Barra minn hekk, għadna qed naraw sfidi sostanzjali fit-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kumpens għall-ħsara għas-saħħa tal-bniedem u r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur fis-sistema legali nazzjonali tagħna. Minħabba s-sistema legali tal-Latvja, id-dispożizzjonijiet dwar il-kumpensi u l-penali ser ikunu kkumplikati immens biex jittrasponu fis-sistema legali nazzjonali tagħna.

B'mod ġenerali, jiddispjaċina li l-perjodi tranżitorji huma qosra wisq għal implimentazzjoni b'suċċess tad-dispożizzjonijiet il-ġodda.

Fl-aħħar nett, il-Latvja tenfasizza li l-implimentazzjoni ġenerali ta' din il-proposta ser teħtieġ investimenti sostanzjali matul is-snin li ġejjin u reviżjoni rapida tal-investimenti diġà ppjanati, li min-naħa tagħhom ser joħolqu piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti."

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"Kif enfasizzat f'każijiet preċedenti, Malta tirrikonoxxi l-importanza tar-Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali u l-kontribut tagħha għas-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej u tal-ambjent. Matul il-proċess tan-negożjati, Malta saħqet dwar id-diffikultà li tikseb il-valuri ta' limitu aktar stretti ġodda, b'mod partikolari fil-każ tal-materja partikolata (PM₁₀) u d-Diossidu tan-Nitroġenu (NO₂). Dan huwa kkonfermat ukoll mill-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni nnifisha, li turi li Malta mhux ser tkun tista' tikseb il-valur limitu għad-diossidu tan-nitroġenu, anke bl-implimentazzjoni tax-xenarju ta' " tnaqqis massimu li jkun teknikament fattibbli".

Barra minn hekk, Malta wettqet valutazzjoni tal-impatt ekonomiku nazzjonali ta' livell għoli tal-impatti tar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, li tiffoka fuq il-komunitajiet vulnerabbli, u għalhekk ikkwantifikat il-piż addizzjonali eċċessiv fuq familji b'introjtu baxx u b'introjtu baxx sa medju.

Il-valutazzjoni tal-kostijiet ta' għadd ta' miżuri u l-benefiċċji ekonomiċi li jirriżultaw mill-kisba tal-miri riveduti tat-tniġġis tal-arja, jissarrfu fi proporzjon kostijiet-benefiċċji ta' 0.07. Dan ir-riżultat juri b'mod ċar li l-kisba tal-valuri ta' limitu proposti ser tinvolvi t-tiġrib ta' kostijiet soċjoekonomiċi sproporzjonati, u b'hekk tirriżulta f'impatt dirett u indirett negattiv fuq familji b'introjtu baxx. Dan huwa aggravat aktar mill-fatt li tali unitajiet domestiċi huma ġeneralment aktar dipendenti fuq vetturi relattivament eqdem.

Għalhekk huwa evidenti li dan ir-riżultat tabilħaqq imur kontra l-ispirtu tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, li titlob għall-"miżuri kollha meħtieġa li ma jinvolvux spejjeż sproporzjonati".

Huwa għal dawn ir-raġunijiet li matul in-negożjati, Malta kienet favur approċċ aktar inklużiv u ekwu li jqis firxa usa' ta' fatturi soċjoekonomiċi permezz tal-inklużjoni ta' valuri ta' limitu li jistgħu jinkisbu b'mod realistiku."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVENJA

"Is-Slovenja tappoġġa r-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa, li għandha l-għan li progressivament ittejjeb il-kwalità tal-arja fl-UE għal livelli li ma jitqisux aktar ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew l-ekosistemi naturali. Is-Slovenja taqbel ukoll li, fil-każ ta' deċiżjonijiet inadegwati mill-Istati Membri relatati mal-implimentazzjoni ta' ċerti artikoli tad-Direttiva, il-membri tal-pubbliku ikkonċernati għandu jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami xierqa quddiem l-awtorità adatta.

Madankollu, is-Solvenja tqis żejda l-inklużjoni f'din id-Direttiva ta' dispożizzjoni speċifika dwar l-aċċess għall-ġustizzja fil-livell tal-UE, fil-kuntest ta' din id-Direttiva li tikkonċerna biss qasam wieħed tal-liġi ambjentali. Kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha, inkluż is-Slovenja, huma partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus, li tapplika direttament.

Ir-regolamentazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja f'atti individwali speċifiċi għas-settur tal-leġislazzjoni ambjentali fil-livell tal-UE tista' twassal għal kopertura mhux uniformi tad-dritt għall-aċċess għall-ġustizzja f'materji ambjentali.

Jeħtieġ ukoll li jitqies ir-riskju potenzjali ta' interpretazzjonijiet diverġenti dwar l-implimentazzjoni ta' tali dispożizzjoni mil-mekkaniżmu ta' konformità tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jew mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, li jista' jwassal għal aktar inċertezzi fl-implimentazzjoni tal-artikolu rilevanti tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

Barra minn hekk, is-Slovenja temmen li r-regolamentazzjoni ta' din il-kwistjoni permezz ta' tali approċċ speċifiku għas-settur fl-UE tmur kontra l-prinċipji ta' leġislazzjoni aħjar tal-UE u l-prinċipju tal-proporzjonalità.

Għalhekk, mill-aspett tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, is-Slovenja ma tara l-ebda raġuni biex tiġi regolata din il-kwistjoni fil-livell tal-UE fid-Direttiva dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa."

Rigward il-punt **"A" nru 5:**

Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi
Adozzjoni tal-att leġislativ

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tappoġġa l-oġettiv tad-Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-karatteristiċi eteroġeni tas-swieq tax-xogħol nazzjonali u, f'dan il-każ, l-ekonomija tal-pjattaformi, iridu jitqiesu fl-azzjonijiet korrispondenti tal-UE.

Kif stipulat fil-Premessa 17, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi fl-Unjoni li għandhom, jew li, abbażi ta' valutazzjoni tal-fatti, jitqiesu li għandhom, kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru, b'kont meħud tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-Awstrija, hemm it-tielet kategorija ta' impjieg fil-livell nazzjonali msejja *Freie Dienstnehmer*. Għalhekk, jekk dan l-istatus intermedju jkun l-istatus fl-impjieg korrett skont il-liġi Awstrijaka, għandhom japplikaw id-drittijiet u l-obbligi skont dak l-istatus.

F'dan il-kuntest, l-Awstrija tenfasizza li l-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika Awstrijaka fir-rigward tal-istatus intermedju tal-*Freie Dienstnehmer* bl-ebda mod ma huma affettwati minn din id-Direttiva."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA

"Ir-Repubblika Slovakka hija favur il-proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet li ser jikkontribwixxu għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

Nixtiequ nesprimu t-tħassib tagħna dwar l-introduzzjoni ta' klassijiet ġodda ta' periklu (ED, PBT/vPvB, PMT/vPvM) fir-Regolament CLP imwettqa permezz ta' Att Delegat.

Nifmhu li r-Regolament CLP għandu jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kif ukoll il-moviment liberu ta' sustanzi kimiċi, taħlitiet u ċerti oġġetti speċifiċi filwaqt li jiġu mtejbja l-kompetittività u l-innovazzjoni.

F'każ li jiġu introdotti klassijiet ġodda ta' periklu fir-Regolament CLP aktar kmieni mis-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar ta' Sustanzi Kimiċi (GHS), l-allinjament tar-Regolament CLP mal-GHS fil-livell tan-NU jista' jkun problematiku u inċert fil-futur. Barra minn hekk, dan joħloq ostakli għall-kummerċ globali tas-sustanzi kimiċi fir-rigward tal-kompetittività u l-moviment liberu tas-sustanzi, it-taħlitiet u l-prodotti u jippermetti l-frammentazzjoni tas-suq madwar id-dinja."